KUMITAT AMMINISTRATTIV GHAL MARSALFORN KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

# AVVIŻI

## ĠBIR TA' ĦĠIEĠ

Ngħarrfu li mix-xahar ta' Novembru, ser tibda ssir ġabra għall-ħġieġ bieb bieb. Il-ġabra ser tibda ssir kull l-ewwel Ħamis tax-xahar. Dan ifisser li l-ewwel ġabra ser issir fis-6 ta' Novembru 2014. Il-ħġieġ għandu jinħareġ qabel it-8.00 ta' filgħodu, il-ħin li ser tibda l-ġabra. Il-ħġieġ jista' jinħareġ ġo kontenitur tal-kartun. Nitolbu l-koperazzjoni tar-residenti biex dan is-servizz jirnexxi fil-lokalita` tagħna.

## KORS DWAR IL-BINI TA' PRESEPJI

Ser isir kors qasir dwar il-bini ta' presepji bil-ġibs. Il-lezzjonijiet ser jitmexxew mis-Sur David Xuereb. Dawn se jsiru fuq tlett Sibtijiet u jibdew mis-Sibt 1 ta' Novembru 2014 mis-1.00 sat-3.00 ta' wara nofsinhar fil-bini tal-Kunsill Lokali. Dan il-kors se jkun bla ħlas. Dawk interessata mitluba jċemplu l-Kunsill sal-Ħamis 30 ta' Ottubru.

**23 ta' Ottubru 2014** **Nru. 16/2014**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**
Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ
Nri. tat-tel.: 21563056/27563056 E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt